Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0541(COD)

29.6.2026

EMENDI
18 - 205

Abbozz ta' rapport
Karlo Ressler
(PE788.793v01-00)

L-istabbiliment tal-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perijodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0541 – 2025/0541(COD))

Emenda 18
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 79(2), ***il-punti (c) u*** (d), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0176/2025),	– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 79(2), ***il-punt*** (d), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0176/2025),

Or. en

Emenda 19
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2) u l-punt ***(c) u*** (d) tal-Artikolu 79(2) tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2) u l-punt (d) tal-Artikolu 79(2) tiegħu,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-politika dwar ir-ritorn hija ffinanzjata taħt l-istrument għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Għandna nevitaw finanzjament doppju tal-istess objettiv.

Emenda 20
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(1) L-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mal-Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-fruntieri esterni, inkluż għall-politika komuni dwar il-viżi skont l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tat-TFUE.	(1) L-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mal-Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-fruntieri esterni, inkluż għall-politika komuni dwar il-viżi skont l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tat-TFUE***, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkunx hemm kontrolli fil-fruntieri interni għall-persuni***.

Or. en

Emenda 21
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mal-Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar ***il-kontroll*** tal-fruntieri esterni, ***inkluż*** għall-politika komuni dwar il-viżi skont l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tat-TFUE.	(1) L-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja ***fir-rigward tad-drittijiet fundamentali*** f'konformità mal-Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħtieġ li jinkiseb permezz tal-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar ***il-ġestjoni integrata*** tal-fruntieri***, kontrolli tal-fruntieri*** esterni, ***u*** għall-politika komuni dwar il-viżi skont l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tat-TFUE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Riflessjoni aħjar tal-lingwaġġ tal-Artikolu 67(1).

Emenda 22
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni, qafas ta' governanza b'saħħtu, ***ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri, kif implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[3], u l-politika tal-UE dwar il-viżi huma ta' importanza kbira biex jiġu żgurati l-integrità u r-reżiljenza taż-Żona Schengen.	(2) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni, qafas ta' governanza b'saħħtu, u l-politika tal-UE dwar il-viżi huma ta' importanza kbira biex jiġu żgurati l-integrità u r-reżiljenza taż-Żona Schengen.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj),

Or. en

Emenda 23
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni, qafas ta' governanza b'saħħtu, ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri, kif implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita bir-	(2) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni, qafas ta' governanza b'saħħtu, ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri, kif implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita bir-

Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], u l-politika tal-UE dwar il-viżi huma ta' importanza kbira biex jiġu żgurati l-integrità u r-reżiljenza taż-Żona Schengen.	Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], u l-politika tal-UE dwar il-viżi huma ta' importanza kbira biex jiġu żgurati l-integrità u r-reżiljenza taż-Żona Schengen***, u biex jiġu pprevenuti l-migrazzjoni illegali, il-kriminalità transfruntiera u t-theddid għas-sigurtà***.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1–131). http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1–131). http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj).

Or. sk

Emenda 24
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona Schengen ***mingħajr*** fruntieri interni, qafas ta' governanza b'saħħtu, ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri, ***kif implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ,*** u ***l-politika*** tal-UE dwar il-viżi huma ta' importanza kbira ***biex jiġu żgurati l-integrità u r-reżiljenza taż-Żona Schengen***.	(2) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona Schengen***, u biex jiġi żgurat in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu*** fruntieri interni, qafas ta' governanza b'saħħtu, ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri, u ***politika komuni*** tal-UE dwar il-viżi huma ta' importanza kbira.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li	

jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj),

Or. en

Ġustifikazzjoni

Riflessjoni aħjar tal-lingwaġġ tal-Artikolu 77(2). L-EBCGA għandha baġit propost akbar minn dak propost għar-Regolament dwar l-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, u dan għandu jippermetti li twettaq il-kompiti tagħha mingħajr ma tirrikorri għal dan l-istrument ta' finanzjament.

Emenda 25
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, irażżnu l-qsim illegali tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].	(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, irażżnu l-qsim illegali tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni***, inkluż permerzz ta' skrinjar ta' qabel id-dħul, verifika tal-identità, detezzjoni ta' frodi tad-dokumenti u użu sistematiku aktar b'saħħtu tas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti tal-Unjoni***. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].

Or. en

Emenda 26
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex ***jipproteġu*** l-fruntieri esterni tal-Unjoni***, irażżnu l-qsim illegali tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri***, kif ukoll ***jimmodernizzaw*** u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi ***u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni***. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].	(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex ***jiġġestixxu*** l-fruntieri esterni tal-Unjoni ***f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, billi jiffaċilitaw l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali***, kif ukoll ***jiffaċilitaw*** u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].

Or. en

Emenda 27
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, irażżnu l-qsim illegali tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu	(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, irażżnu l-qsim illegali tal-fruntieri***, l-użu tal-migrazzjoni bħala arma*** u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni

jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].	għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].

Or. fi

Emenda 28
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, ***irażżnu*** l-qsim ***illegali*** tal-fruntieri ***u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri***, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].	(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, ***jipprevjenu*** l-qsim ***irregolari*** tal-fruntieri, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-UE ma tistax tiffinanzja kontrolli tal-fruntieri interni jew miżuri ekwivalenti għal kontrolli tal-fruntieri interni meta t-Trattati jirrikjedu li l-UE tistabbilixxi żona mingħajr kontrolli fuq persuni li jaqsmu l-fruntieri interni.

Emenda 29
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex ***jipproteġu*** l-fruntieri esterni tal-Unjoni, ***irażżnu l-qsim illegali tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri, kif ukoll*** jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi ***u*** jipprevjenu ***l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni***. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].	(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex ***jippreservaw żona ta' moviment liberu fl-Unjoni mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, jiġġestixxu*** l-fruntieri esterni tal-Unjoni, jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi ***filwaqt li*** jipprevjenu ***l-abbużi***. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].

Or. en

Emenda 30
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, irażżnu l-qsim ***illegali*** tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u	(3) Għalhekk jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi pprovdut għall-isforzi tal-istati Membri biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, irażżnu l-qsim ***irregolari*** tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-istati Membri, kif ukoll jimmodernizzaw u jtejbu l-effiċjenza ġenerali tal-ipproċessar tal-viżi u jipprevjenu l-abbuż tar-reġim tal-viża tal-Unjoni. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u

s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].

s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].

Or. en

Emenda 31
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut ***ukoll*** għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen fil-livell Ewropew u nazzjonali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-governanza nazzjonali ta' Schengen li tinkludi l-istrutturi effettivi ta' koordinazzjoni u l-proċessi strateġiċi li huma kritiċi għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.	(4) ***Il-ħolqien ta' żona li fiha jiġi żgurat il-moviment liberu tal-persuni bejn il-fruntieri interni huwa waħda mill-kisbiet ewlenin tal-Unjoni. F'żona fejn il-persuni jistgħu jiċċaqilqu liberament, mingħajr fruntieri interni, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni jenħtieġ li tibqa' eċċezzjoni u jenħtieġ li tintuża biss bħala miżura tal-aħħar istanza.*** L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen fil-livell Ewropew u nazzjonali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-governanza nazzjonali ta' Schengen li tinkludi l-istrutturi effettivi ta' koordinazzjoni u l-proċessi strateġiċi li huma kritiċi għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.

Or. en

Emenda 32
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut ukoll għall-implimentazzjoni, l-	(4) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut ukoll għall-implimentazzjoni, l-

applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen fil-livell Ewropew u nazzjonali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-governanza nazzjonali ta' Schengen li tinkludi l-istrutturi effettivi ta' koordinazzjoni u l-proċessi strateġiċi li huma kritiċi għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.	applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen fil-livell Ewropew u nazzjonali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-governanza nazzjonali ta' Schengen li tinkludi l-istrutturi effettivi ta' koordinazzjoni u l-proċessi strateġiċi li huma kritiċi għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen***, b'rispett sħiħ għas-setgħat tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni tal-ordni pubbliku u s-sigurtà interna skont l-Artikolu 72 tat-TFUE***.
	Or. sk

Emenda 33
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut ukoll għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen fil-livell Ewropew u nazzjonali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-governanza nazzjonali ta' Schengen li tinkludi l-istrutturi effettivi ta' koordinazzjoni u l-proċessi strateġiċi li huma kritiċi għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen.	(4) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut ukoll għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen fil-livell Ewropew u nazzjonali, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-governanza nazzjonali ta' Schengen li tinkludi l-istrutturi effettivi ta' koordinazzjoni u l-proċessi strateġiċi li huma kritiċi għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen***, filwaqt li jitqies id-dritt tal-Istati Membri għall-awtodeterminazzjoni*** .
	Or. fi

Emenda 34
Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom ***jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn*** dan ir-Regolament.	(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom ***jikkontribwixxu għall-objettivi rilevanti tal-appoġġ tal-Unjoni*** skont dan ir-Regolament***, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat***.

Or. en

Emenda 35
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw ***kull wieħed mill-objettivi*** stabbiliti minn dan ir-Regolament.	(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw ***l-objettivi rilevanti*** stabbiliti minn dan ir-Regolament***, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjoni ġeografika, l-isfidi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà, u l-ħtiġijiet tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni tagħhom***.

Or. sk

Emenda 36

Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom ***jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn*** dan ir-Regolament.	(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom ***jikkontribwixxu għall-objettivi rilevanti tal-appoġġ tal-Unjoni*** skont dan ir-Regolament***, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni jkun jista' jiġi dirett lejn il-prijoritajiet, l-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati mill-Istat Membru kkonċernat fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament.

Emenda 37
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li	(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, ***sakemm ma jkunx meħtieġ mis-sitwazzjoni tas-sigurtà,*** inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-

l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament.

politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament ***jekk dawn ma jpoġġux lill-Istat Membru f'sitwazzjoni mhux xierqa***.

Or. fi

Emenda 38
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri***, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen,*** u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament.	(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament ***b'mod proporzjonali, u li l-allokazzjoni tar-riżorsi fost l-objettivi tiżgura li dawk l-objettivi jkunu jistgħu jintlaħqu***.

Or. en

Emenda 39
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-	(5) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-

objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni***, inkluż għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri***, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament.	objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għal żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluż appoġġ għall-funzjonament taż-żona Schengen, u għall-politika Ewropea dwar il-viżi ("l-appoġġ tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 40
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'konformità mal-Att ta' Adeżjoni tal-Litwanja mal-UE, ir-Regolament jindirizza wkoll il-ħtieġa li l-Litwanja tiġi appoġġata għall-ġestjoni tat-tranżitu ta' persuni bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa.	***imħassar***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-ġustifikazzjoni tikkonċerna s-sitwazzjoni storika speċifika marbuta mal-adeżjoni tal-Litwanja mal-Unjoni Ewropea u ma għandha l-ebda rilevanza ġenerali għall-funzjonament taż-żona Schengen jew għall-objettivi tal-programm 2028-2034. Ir-Regolament għandu jiffoka fuq l-isfidi komuni tal-Istati Membri kollha fl-oqsma tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viżi u s-sigurtà. Iż-żamma ta' referenza għal eċċezzjoni speċifika tista' toħloq l-impressjoni ta' reġim speċjali mingħajr rabta diretta mal-objettivi ewlenin tal-programm.

Emenda 41
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-ammonti li għandhom jiġu allokati għal kull Stat Membru jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni f'konformità mal-metodoloġija tal-allokazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni unika. Jenħtieġ li dik id-deċiżjoni bħala regola tkopri wkoll l-ammonti skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna.	(7) L-ammonti li għandhom jiġu allokati għal kull Stat Membru jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni f'konformità mal-metodoloġija tal-allokazzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni unika***, filwaqt li jitqiesu kriterji oġġettivi, b'mod partikolari l-firxa tal-fruntieri esterni, il-pressjoni migratorja, ir-riskji għas-sigurtà u l-kundizzjonijiet ġeografiċi speċifiċi tal-Istati Membri***. Jenħtieġ li dik id-deċiżjoni bħala regola tkopri wkoll l-ammonti skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna.

Or. sk

Emenda 42
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sabiex ikun hemm rispons għal pressjonijiet ġeopolitiċi li qed jevolvu malajr, kriżijiet emerġenti tas-sigurtà, jew valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà aġġornati fil-fruntieri esterni, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, li huma

l-aktar affettwati mill-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora u minn riskji akbar ta' azzjonijiet militari konvenzjonali u mhux konvenzjonali kif deskritt mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Frar 2026 dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kwalunkwe aġġustament jew reviżjoni sussegwenti tal-pakkett finanzjarju indikattiv stabbilit fl-Artikolu 4, il-paragrafi 1 u 3 ta' dan ir-Regolament għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għall-perjodu mill-2028 sal-2034. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*[1a]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[1a] * ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. en

Ġustifikazzjoni

As explicitly detailed in the Commission's Communication on the Eastern Border Regions (COM(2026) 82 final), Europe's Eastern Flank is facing an escalating, unprecedented threat environment. This includes state-sponsored hybrid warfare, weaponized migration, violation

of airspace by drones and balloons, and cyber-attacks, as well as distinct maritime risks like the mining of the Black Sea basin shared by Romania and Bulgaria.Because these geopolitical realities directly dictate a three-fold increase in EU funding for border management and migration under the 2028–2034 MFF, the mid-term modification of these envelopes cannot be treated as a generic technical exercise under comitology. Involving the European Parliament via delegated acts ensures that budget reallocations respond to changing frontline realities in a politically accountable, transparent manner, reflecting the Commission's own stance that the 'eastern border regions do not represent national borders, but they are European borders'.

Emenda 43
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jibni fuq ir-riżultati u l-investimenti mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti: (i) il-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu 2007-2013 stabbilit bid-Deċiżjoni 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] ; (ii) l-istrument għall-fruntieri esterni u l-viża bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014-2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] ; u (iii) l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu 2021-2027, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] .	(8) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jibni fuq ir-riżultati***, l-evalwazzjonijiet*** u l-investimenti mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti: (i) il-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu 2007-2013 stabbilit bid-Deċiżjoni 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] ; (ii) l-istrument għall-fruntieri esterni u l-viża bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014-2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] ; u (iii) l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu 2021-2027, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] .
[4] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.	[4] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.
[5] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150,	[5] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150,

20.5.2014, p. 143, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/515/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1148/oj).

20.5.2014, p. 143, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/515/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1148/oj).

Or. en

Emenda 44
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Skont l-Artikolu 80 tat-TFUE, il-politiki tal-Unjoni dwar il-verifiki fil-fruntieri, l-ażil u l-immigrazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu rregolati mill-prinċipju tas-solidarjetà u tal-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tiegħu, bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 45
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Fid-dawl ta' xenarju globali li qed jinbidel u l-instabbiltà li qed tikber,*** l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li ***jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom biex***	(9) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jindirizzaw it-traffikar tal-bnedmin, ***b'mod partikolari billi jtejbu l-assistenza u l-appoġġ għall-vittmi tat-***

jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni b'mod effettiv, inkluż biex jindirizzaw ***il-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti,*** it-traffikar tal-bnedmin, ***u jirrispondu minn fuq għall-atturi tal-Istat li joħolqu u jiffaċilitaw b'mod artifiċjali l-migrazzjoni irregolari, l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi, u l-użu ta' tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma[7] , biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta' responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni,*** il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b'mod adegwat l-isfidi identifikati***, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni integrata tal-Fruntieri, l-istrateġija tal-Politika Ewropea dwar il-Viżi u fl-arkitettura l-ġdida tal-iT ta' Schengen li tiddependi fuq is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (iT) fuq skala kbira skjerati għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tas-sigurtà kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta' dawk is-sistemi. Barra minn hekk, b'appoġġ għall-missjoni ta' kontroll fil-fruntieri, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.***

traffikar tal-bnedmin. Il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b'mod adegwat l-isfidi identifikati

---

*[7] **Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).***

Or. en

Emenda 46
Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fid-dawl ta' xenarju globali li qed jinbidel u l-instabbiltà li qed tikber, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni b'mod effettiv, inkluż biex jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, u jirrispondu minn fuq għall-atturi tal-Istat li joħolqu u jiffaċilitaw b'mod artifiċjali l-migrazzjoni irregolari, l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi, u l-użu ta' tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni[7] bħala arma, biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta' responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b'mod adegwat l-isfidi identifikati**,** b'mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni integrata tal-Fruntieri, l-istrateġija tal-Politika Ewropea dwar il-Viżi u fl-arkitettura l-ġdida tal-iT ta' Schengen li tiddependi fuq is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (iT) fuq skala kbira skjerati għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tas-sigurtà kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta' dawk is-sistemi. Barra minn hekk, b'appoġġ għall-missjoni ta' kontroll fil-fruntieri, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.	(9) Fid-dawl ta' xenarju globali li qed jinbidel u l-instabbiltà li qed tikber, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni b'mod effettiv, inkluż biex jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, u jirrispondu minn fuq għall-atturi tal-Istat li joħolqu u jiffaċilitaw b'mod artifiċjali l-migrazzjoni irregolari, l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi, u l-użu ta' tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni[7] bħala arma, biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta' responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, ***filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol strateġiku tal-Istati Membri responsabbli mill-għassa tal-fruntieri esterni tal-Unjoni,*** il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b'mod adegwat l-isfidi identifikati***. Dawn ir-reazzjonijiet jenħtieġ li jikkontribwixxu għaż-żamma ta' stat permanenti ta' prontezza operazzjonali, kapaċità suffiċjenti u reżiljenza fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, irrispettivament mill-fluttwazzjonijiet temporanji fil-pressjoni migratorja. Dan jenħtieġ li jinkiseb*** b'mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni integrata tal-Fruntieri, l-istrateġija tal-Politika Ewropea dwar il-Viżi u fl-arkitettura l-ġdida tal-IT ta' Schengen li tiddependi fuq is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fuq skala kbira skjerati għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tas-sigurtà kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta' dawk is-sistemi***, , l-għarfien imtejjeb tas-sitwazzjoni, id-detezzjoni bikrija tar-***

riskju u l-użu aktar effettiv tar-riżorsi operazzjonali. Barra minn hekk, b'appoġġ għall-missjoni ta' kontroll fil-fruntieri, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali***, inklużi sistemi ta' sorveljanza intelliġenti, għodod avvanzati għall-analiżi tar-riskju, teknoloġiji għall-ipproċessar tad-data u soluzzjonijiet innovattivi biex jiġu appoġġati t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ġestjoni tar-riżorsi***. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-investiment fl-infrastruttura, it-tagħmir, is-sistemi ta' sorveljanza u l-persunal kwalifikat fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Unjoni, li jeħtieġu l-manutenzjoni kontinwa ta' livell għoli ta' sigurtà u prontezza.***

[7] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).

[7] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).

Or. bg

Emenda 47
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Fid-dawl ta' xenarju globali li qed jinbidel u l-instabbiltà li qed tikber, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni b'mod effettiv, inkluż biex jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, u jirrispondu minn fuq għall-atturi tal-Istat li joħolqu u jiffaċilitaw b'mod artifiċjali l-migrazzjoni***	(9) Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta' responsabbiltà kondiviża ***għall-ġestjoni*** tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b'mod adegwat ***l-objettivi kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament***, b'mod partikolari ***billi jalloka ammont proporzjonat ta' riżorsi għal kull wieħed minnhom***.

irregolari, l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi, u l-użu ta' tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma[7] , biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta' responsabbiltà kondiviża ***għall-protezzjoni*** tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b'mod adegwat ***l-isfidi identifikati***, b'mod partikolari ***fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni integrata tal-Fruntieri, l-istrateġija tal-Politika Ewropea dwar il-Viżi u fl-arkitettura l-ġdida tal-iT ta' Schengen li tiddependi fuq is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (iT) fuq skala kbira skjerati għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tas-sigurtà kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta' dawk is-sistemi***. ***Barra minn hekk, b'appoġġ għall-missjoni ta' kontroll fil-fruntieri, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.***

---

[7] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).

Or. en

Emenda 48
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Fid-dawl ta' xenarju globali li qed jinbidel u l-instabbiltà li qed tikber, l-***	(9) Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta'

Unjoni u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom biex jipproteġu l-fruntieri esterni tal-Unjoni b'mod effettiv, inkluż biex jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, u jirrispondu minn fuq għall-atturi tal-Istat li joħolqu u jiffaċilitaw b'mod artifiċjali l-migrazzjoni irregolari, l-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi, u l-użu ta' tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma[7] , biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Fl-interess tas-solidarjetà fiż-żona Schengen kollha kemm hi u fl-ispirtu ta' responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istat Membru jenħtieġ li jindirizza b'mod adegwat l-isfidi identifikati, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni integrata tal-Fruntieri, l-istrateġija tal-Politika Ewropea dwar il-Viżi u fl-arkitettura l-ġdida tal-iT ta' Schengen li tiddependi fuq is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (iT) fuq skala kbira skjerati għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tas-sigurtà kif ukoll fuq l-interoperabbiltà ta' dawk is-sistemi. ***Barra minn hekk, b'appoġġ għall-missjoni ta' kontroll fil-fruntieri, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-użu tat-teknoloġija u s-soluzzjonijiet diġitali.***

(17) L-istati Membri jistgħu jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.	(17) L-istati Membri jistgħu jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza***, filwaqt li l-kompożizzjoni tas-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri u trid tikkorrispondi għall-objettivi ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fl-oqsma tal-protezzjoni tal-fruntieri, il-politika***

dwar il-viżi u s-sigurtà.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' sħubija m'għandux jiġi interpretat bħala obbligu li jinħolqu strutturi ta' konsultazzjoni uniformi jew preskritti. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeterminaw il-firxa ta' entitajiet involuti skont il-ħtiġijiet u s-sistemi amministrattivi tagħhom stess. L-emenda proposta żżomm il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni tal-programm filwaqt li tiżgura li s-sħubijiet iservu l-objettivi tar-regolament u ma jwasslux għall-ħolqien ta' strutturi amministrattivi mhux meħtieġa.

Emenda 98
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-istati Membri ***jistgħu*** jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.	(17) L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.

Or. en

Emenda 99
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-	***imħassar***

kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[9] .

---

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Or. en

Emenda 100
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[9] .	***imħassar***

---

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diġà ffinanzjat taħt l-AMI. M'għandux ikun permess finanzjament doppju.

Emenda 101
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[9].	(19) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[9]***, bl-allokazzjoni ta' dawk il-fondi ibbażata fuq pressjoni migratorja murija b'mod oġġettiv, il-kostijiet effettivament imġarrba u l-ħtiġijiet relatati mal-protezzjoni tal-fruntieri esterni u l-kapaċitajiet tal-ażil u tar-ritorn***.
[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).	[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-fondi tar-Riżerva ta' Solidarjetà għandhom jiġu allokati abbażi ta' kriterji oġġettivi u verifikabbli. L-aġġustament propost jiżgura li l-appoġġ jiġi dirett primarjament lejn Stati Membri li jiffaċċjaw pressjoni migratorja reali jew li jġarrbu kostijiet sinifikanti assoċjati

mal-protezzjoni tal-fruntieri esterni. Dan isaħħaħ it-trasparenza, l-effiċjenza u l-kredibbiltà tas-sistema ta' solidarjetà.

Emenda 102
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351***9*** .	(19) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja***, kif definit fir-Regolament (UE) 2024/1351[9],*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351.
9 Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).	***9 Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).***

Or. en

Emenda 103
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Minħabba x-xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel malajr tul il-perimetru estern

tal-Unjoni, b'mod partikolari madwar in-Naħa tal-Lvant u l-baċiri marittimi kontigwi, l-arkitettura tas-sigurtà esterna tal-Unjoni għandha tkun mgħammra strutturalment biex tiġġieled it-theddid ibridu sofistikat. Tali theddid jimmaterjalizza permezz ta' azzjonijiet koordinati u asimmetriċi eżegwiti taħt il-livell limitu ta' kunflitt militari konvenzjonali, imfassla apposta biex jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet transfruntiera u jfixklu l-infrastruttura kritika. F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2026 dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna, l-Istati Membri l-aktar esposti qed jassorbu pressjonijiet operazzjonali u finanzjarji sproporzjonati biex jiżguraw il-perimetru tas-sigurtà kollettiva tal-Unjoni kontra dawn il-metodi ta' żona griża. Għalhekk, huwa importanti li l-istrumenti finanzjarji li jappoġġaw is-sigurtà esterna jipprijoritizzaw u jiffinanzjaw bis-sħiħ azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tar-reżiljenza, l-iżgurar ta' networks teknoloġiċi u diġitali, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fiżiċi u tekniċi tal-Istati Membri fil-mira ta' dawn il-kampanji mhux konvenzjonali, u b'hekk is-solidarjetà politika tinbidel f'realtà baġitarja vinkolanti.

Or. en

Emenda 104
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont	(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont

dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.	dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***(il-"Karta")*** u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom. ***L-Istati Membri jenħtieġ li, b'mod partikolari, jiżguraw ir-rispett sħiħ għad-dritt tal-protezzjoni ta' data personali kif stabbilit fl-Artikolu 16 tat-TFUE, u d-dritt għall-ħajja privata u1tal-familja kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-ażil kif stabbilit fl-Artikolu 18 tal-Karta, u d-drittijiet tat-tfal kif stabbilit fl-Artikolu 24 tal-Karta.***
	Or. en

Emenda 105
Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.	(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom***, inklużi l-obbligi relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement***.
	Or. en

Emenda 106
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.	(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom***, filwaqt li jitqies ukoll l-objettiv leġittimu tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna tal-Istati Membri***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

It-test oriġinali ġustament jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rispettati d-dritt tal-Unjoni u l-obbligi internazzjonali. L-emenda proposta ma tibdilx il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, iżda tfakkar li, skont it-Trattati, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, l-ordni pubbliku u s-sigurtà interna huma fost l-objettivi leġittimi tal-Unjoni u tal-Istati Membri. L-għan huwa li tiġi żgurata interpretazzjoni bbilanċjata tar-regolament u li jiġi pprevenut li dispożizzjonijiet individwali jiġu kkunsidrati b'mod iżolat mill-kompiti ta' sigurtà tal-istati.

Emenda 107
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu	(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu

implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.	implimentati f'konformità ***sħiħa*** mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom***, b'mod partikolari billi tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u non-refoulement***.

Or. en

Emenda 108
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.	(20) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom***, sakemm is-sitwazzjoni tas-sigurtà ma tiddettax mod ieħor***.

Or. fi

Emenda 109
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(20a) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw l-obbligi tagħhom taħt id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali ta' New York tal-1966 dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u d-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 u l-Protokoll ta' New York tal-1967, il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi, u strumenti internazzjonali rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 110
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092[1a], jenħtieġ li jinżamm ir-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;
	[1a] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj).

Emenda 111
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) F'konformità mal-Protokoll Nru 5 għall-Att tal-Adeżjoni tal-2003 dwar it-tranżitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa[10], l-Unjoni għandha tassisti lil-Litwanja fil-ġestjoni tat-tranżitu ta' persuni bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u l-partijiet l-oħra tal-Federazzjoni Russa u għandha, b'mod partikolari, tħallas kwalunkwe kost addizzjonali mġarrba bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-acquis li jipprevedu tali tranżitu. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-appoġġ finanzjarju għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003[11].	***imħassar***

[10] L-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka, u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija stabbilita (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 955, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/acc_2003/act_1/pro_10/sign).

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 tal-14 ta' April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Tranżitu Faċilitat (FTD), Dokument ta'

Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-ġustifikazzjoni tikkonċerna r-reġim storiku speċjali relatat mal-adeżjoni tal-Litwanja mal-Unjoni Ewropea u t-tranżitu bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa. Tali sitwazzjoni speċifika ma għandha l-ebda rilevanza ġenerali għall-funzjonament taż-żona Schengen jew għall-objettivi ewlenin tal-programm għall-perjodu 2028-2034. Ir-Regolament għandu jiffoka fuq l-isfidi komuni tal-Istati Membri kollha fl-oqsma tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viżi u s-sigurtà.

Emenda 112
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-arranġamenti ta' governanza tiegħu jridu jwasslu għat-teħid xieraq tad-deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja u għal sorveljanza parlamentari xierqa. B'mod partikolari, kwalunkwe speċifikazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-arkitettura interna taż-żona Schengen, tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u tal-politika komuni dwar il-viżi jenħtieġ li tiġi riflessa kif xieraq fin-nomenklatura tal-baġit permezz tal-introduzzjoni ta' linji baġitarji korrispondenti.

Or. en

Emenda 113
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-funzjonament taż-żona Schengen, għall-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni*** u ***għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi***, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni***, it-tishiħ u l-iżvilupp tal-elementi rilevanti*** tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil***, u għal livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni***.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-iżgurar tan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni għall-persuni, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, u għall-politika komuni dwar il-viża u l-kontroll fil-fruntieri esterni***, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni ***ta' dawk l-elementi*** tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil ***li huma speċifikament mal-ġestjoni tal-fruntieri***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tal-Artikolu 67, 77 u 79 tat-Trattati. Il-limitazzjoni tal-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-Patt għar-Regolament relatat mal-Ġestjoni tal-Fruntieri.

Emenda 114
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-

funzjonament taż-żona Schengen, ***għall-ġestjoni effiċjenti*** tal-fruntieri esterni u għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-elementi ***rilevanti*** tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil***, u għal livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni***.	funzjonament taż-żona Schengen, ***għall-kontroll strett*** tal-fruntieri esterni u għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-elementi tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil ***relatati mas-sigurtà, l-iskrinjar u r-ritorn rapidu***.

Or. en

Emenda 115
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament taż-żona Schengen, għall-ġestjoni ***effiċjenti*** tal-fruntieri esterni u għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi***, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-elementi rilevanti tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil***, u għal livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament taż-żona Schengen, għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni ***f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali*** u għall-effiċjenza ***u l-element ġust*** tal-politika dwar il-viżi, u għal livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni.

Or. en

Emenda 116
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament taż-żona Schengen, għall-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni u għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-elementi rilevanti tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, u għal livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta ***jaqsmu l-fruntieri interni***.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament taż-żona Schengen, għall-ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri esterni u għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-elementi rilevanti tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, ***li huma relatati mal-protezzjoni tal-fruntieri esterni,*** u għal livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-Fond għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi għandu jibqa' ffukat fuq l-objettivi ewlenin tiegħu. L-emenda proposta tispeċifika li l-finanzjament għandu jappoġġa dawk il-partijiet tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil li huma direttament relatati mal-protezzjoni tal-fruntieri esterni, il-politika dwar il-viżi u l-politika dwar ir-ritorn. Din iżżid iċ-ċertezza legali u tipprevjeni interpretazzjoni wiesgħa żżejjed tal-iskop tal-fond.

Emenda 117
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika Ewropea dwar il-

viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament taż-żona Schengen, għall-ġestjoni ***effiċjenti*** tal-fruntieri esterni u għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-elementi rilevanti tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, ***u għal livell għoli ta' sigurtà interna*** fl-Unjoni**,** filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni.

viżi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-funzjonament taż-żona Schengen, għall-ġestjoni ***xierqa u bbażata fuq id-drittijiet*** tal-fruntieri esterni u għall-effiċjenza tal-politika dwar il-viżi, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-elementi rilevanti tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, ***filwaqt li jissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni*** fl-Unjoni ***u*** filwaqt li jippreserva n-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni.

Or. en

Emenda 118
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri li huma marbuta li japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, f'konformità mal-Atti tal-Adeżjoni rispettivi tagħhom, iżda li għalihom għadha ma daħlitx fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti li tawtorizzahom japplikaw b'mod sħiħ dak l-acquis.	(b) il-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri li huma marbuta li japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, f'konformità mal-Atti tal-Adeżjoni rispettivi tagħhom, iżda li għalihom għadha ma daħlitx fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti li tawtorizzahom japplikaw b'mod sħiħ dak l-acquis. ***Dan ma għandux jinkludi l-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri fejn reġgħu ddaħħlu kontrolli temporanji fil-fruntieri.***

Or. en

Emenda 119
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser Stat Membru benefiċjarju kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (19) tar-Regolament (UE) 2024/1351;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diġà ffinanzjat taħt l-AMI. Għandu jiġi evitat finanzjament doppju.

Emenda 120
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru kontribwenti kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (20) tar-Regolament (UE) 2024/1351;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diġà ffinanzjat taħt l-AMI. Għandu jiġi evitat finanzjament doppju.

Emenda 121
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "kontribuzzjonijiet finanzjarji" tfisser kontribuzzjonijiet finanzjarji f'konformità mal-Artikolu 56(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1351.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Marbuta mad-dispożizzjonijiet ta' solidarjetà fl-AMMR. Diġà ffinanzjat taħt l-AMI. Għandu jiġi evitat finanzjament doppju.

Emenda 122
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) "theddida ibrida" tfisser kwalunkwe attività koordinata, sponsorjata mill-Istat jew mhux sponsorjata mill-Istat, eżegwita permezz ta' metodi asimmetriċi, mhux konvenzjonali, jew taż-żona griża taħt il-livell limitu ta' kunflitt militari tradizzjonali, li tiġi ppjanata u titwettaq b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jiġu sfruttati l-vulnerabbiltajiet strutturali, tiġi mfixkla l-infrastruttura kritika, jew jiġu kompromessi s-sigurtà, l-ordni pubbliku, ir-reżiljenza istituzzjonali jew l-integrità territorjali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

As emphasized in the Commission's Communication on the EU's eastern regions (COM(2026) 82 final), the security architecture of the Eastern Flank is under persistent, evolving duress from non-conventional methods designed to deliberately operate just below the threshold of formal military conflict. These fluid campaigns target the seams between internal security, external border management, macro-economic stability, and digital resilience. To ensure maximum resilience and long-term legislative relevance, the definition of a 'hybrid threat' must remain completely neutral regarding specific technological or operational methods. Listing explicit examples of harmful activities inadvertently creates legal loopholes, as hostile actors continuously innovate new forms of gray-zone aggression that may not fit neatly into pre-defined categories.

Emenda 123
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata ġestjoni ***integrata Ewropea*** tal-fruntieri ***b'saħħitha u effettiva*** fil-fruntieri esterni, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għal kull wieħed mill-objettivi li ġejjin:	Sabiex tiġi żgurata ġestjoni ***ġestita tajjeb*** tal-fruntieri fil-fruntieri esterni ***f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali***, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti ***u ġusta*** dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għal kull wieħed mill-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 124
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri ***b'saħħitha u effettiva*** fil-fruntieri esterni, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għal kull wieħed mill-objettivi li ġejjin:	Sabiex tiġi żgurata ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri ***xierqa u bbażata fuq id-drittijiet*** fil-fruntieri esterni, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għal kull wieħed mill-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 125
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Sabiex tiġi żgurata ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għal kull wieħed mill-objettivi*** li ġejjin:	Sabiex tiġi żgurata ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-objettivi*** li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni jkun jista' jiġi dirett lejn il-prijoritajiet, l-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati mill-Istat Membru kkonċernat fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament.

Emenda 126
Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għal kull wieħed mill-objettivi*** li ġejjin:	Sabiex tiġi żgurata ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, żona Schengen li tiffunzjona tajjeb u politika effiċjenti dwar il-viżi, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-objettivi*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 127
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen u t-tisħiħ tal-governanza, l-	(a) l-appoġġ g***ħaż-żona Schengen billi jiġi żgurat in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq persuni, irrispettivament min-***

integrità u s-sigurtà taż-żona Schengen ***mingħajr fruntieri interni***;

nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni u l-kontribut għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen u t-tisħiħ tal-governanza, l-integrità u s-sigurtà taż-żona Schengen;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bażi ta' Schengen hija n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Il-lingwaġġ huwa meħud mill-Artikolu 77(1) tat-TFUE.

Emenda 128
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-appoġġ għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen u t-tisħiħ tal-governanza, l-integrità u s-sigurtà taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni;	(a) l-appoġġ għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp effettivi tal-qafas ta' Schengen u t-tisħiħ tal-governanza, l-integrità u s-sigurtà taż-żona Schengen mingħajr fruntieri interni***, filwaqt li jiġu ppreservati l-libertà tal-moviment tal-persuni u n-nuqqas ta' kontroll tal-fruntieri fil-fruntieri interni***;

Or. en

Emenda 129
Ilaria Salis

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appoġġ ***għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala***	(b) l-appoġġ ***għall-awtoritajiet*** nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex ***tiġi ffaċilitata l-mobbiltà inkluż l-aċċess għall-protezzjoni***

responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, ***inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda,*** biex ***jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati*** u ***identifikati l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità*** transfruntiera***, u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma, biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv***;

internazzjonali u ***tiġi evitata*** u ***identifikata l-kriminalità*** transfruntiera;

Or. en

Emenda 130
Tom Vandendriessche

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali***, il-kriminalità*** transfruntiera***,*** u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni ***irregolari*** bħala arma, biex ***jingħata kontribut*** għar-ritorn ***effettiv***;	(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali ***permezz ta' approċċ ta' tolleranza żero għal qsim mhux awtorizzat, biex tiġi ffinanzjata l-kostruzzjoni immedjata ta' barrieri fiżiċi fejn meħtieġ, biex jiġu interċettati individwi li jaslu illegalment, biex jiġu evitati u identifikati l-kriminalità*** transfruntiera u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni ***illegali*** bħala arma, ***u*** biex ***jiġi żgurat ir-ritorn rapidu, sistematiku, u obbligatorju tal-individwi kollha bl-ebda dritt legali li jibqgħu***;

Or. en

Emenda 131
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, ***implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda,*** biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni ***illegali***, ***il-kriminalità*** transfruntiera***, u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma, biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv***;	(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, ***biex jiġu stabbiliti u jinżammu mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti fil-fruntieri esterni, u biex*** jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni ***irregolari***, ***u l-kriminalità*** transfruntiera;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna ma nirrikonoxxux it-terminu "użu ta' persuni bħala arma". L-istrumentalizzazzjoni hija koperta mir-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi bħala parti mill-Patt u se tiġi ffinanzjata mill-AMI. Ma għandniex ninkoraġġixxu l-finanzjament doppju. L-istess argument japplika għar-Ritorni. L-aġenziji tal-UE għandhom jirċievu baġit suffiċjenti biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom mingħajr ma jiddependu fuq l-istrumenti ta' finanzjament individwali tal-QFP. Il-proċedura ta' skrinjar li tinsab barra mill-proċeduri tal-ażil tirrikjedi li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni.

Emenda 132
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità transfruntiera, u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma, biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv;	(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, ***it-tisħiħ tal-prontezza operazzjonali, il-kapaċità fit-tul u r-reżiljenza tal-Istati Membri li jgħassu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, kif ukoll it-tisħiħ tal-għarfien tas-sitwazzjoni u l-analiżi tar-riskju,*** biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità transfruntiera, u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma, biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv;

Or. bg

Emenda 133
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità transfruntiera, u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma,	(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali, il-kriminalità transfruntiera, u l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma,

biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv;	biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv***,*** ***inkluż it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jipproteġu l-fruntieri esterni u jimplimentaw deċiżjonijiet ta' ritorn***;

Or. sk

Ġustifikazzjoni

It-test oriġinali b'mod korrett isemmi r-ritorni, iżda biss marġinalment. Fil-prattika, l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn tirrappreżenta waħda mill-akbar sfidi tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni. Il-proposta tispeċifika li l-appoġġ għandu jkun dirett ukoll lejn il-bini tal-kapaċitajiet prattiċi tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

Emenda 134
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' ***metodi innovattivi u*** teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni ***illegali***, il-kriminalità transfruntiera, u l-istrumentalizzazzjoni ***u l-użu*** tal-migrazzjoni irregolari ***bħala arma, biex jingħata kontribut għar-ritorn effettiv***;	(b) l-appoġġ għall-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż permezz ta' teknoloġiji ġodda, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni ***irregolari***, il-kriminalità transfruntiera, u l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni irregolari;

Or. en

Emenda 135
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Barra minn hekk, l-approprjazzjonijiet baġitarji għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, implimentati permezz tal-Faċilità tal-UE skont it-Titolu IV tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà, għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali prevista fl-Artikolu 314 ***TFUE***.	3. Barra minn hekk, l-approprjazzjonijiet baġitarji għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, implimentati permezz tal-Faċilità tal-UE skont it-Titolu IV tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà, għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali prevista fl-Artikolu 314 ***tat-TFUE***. ***Għandu jiġi żgurat li l-Faċilità tal-UE tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika tal-Affarijiet Interni f'konformità mal-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Anness I tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-***

agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028–2034.

Or. en

Emenda 176
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta timplimenta l-approprjazzjonijiet baġitarji allokati għall-Faċilità tal-UE, il-Kummissjoni għandha tiżgura b'mod dinamiku l-livelli ta' finanzjament biex tipprijoritizza l-proposti tal-proġetti, l-akkwist tekniku, u l-iskjeramenti operazzjonali ppreżentati mill-Istati Membri l-aktar esposti li jiffaċċjaw pressjonijiet ġeopolitiċi u ibridi aggravanti tul il-fruntieri esterni tal-art, tal-ajru u marittimi tal-Unjoni maġenb in-Naħa tal-Lvant u pajjiżi terzi oħra b'riskju għoli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The EU Facility (Thematic Facility) represents a highly centralized pot of flexible funding managed top-down by the Commission. While flexibility is necessary to respond to unforeseen crises, its distribution must be steered by objective geopolitical realities rather than arbitrary administrative or competitive criteria. As explicitly detailed in the Commission's Communication on the Eastern Border Regions (COM(2026) 82 final), Europe's Eastern Flank is absorbing an unprecedented and asymmetrical burden. Frontline Member States are forced to simultaneously counter state-sponsored hybrid warfare, weaponized migration, regular violations of national airspace by drones, cyber-attacks, and distinct maritime challenges like the mining of the Black Sea basin. Furthermore, COM(2026) 82 final notes that these regions are facing severe demographic pressures and a drop in investment confidence, amplifying the economic strain of securing the Union's external perimeter.

Emenda 177

Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-distribuzzjoni tar-riżorsi fost l-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3(1) tkun ġusta u trasparenti. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-użu u d-distribuzzjoni tal-fondi taħt il-Faċilità tal-UE bejn il-komponenti tagħha msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, inkluż dwar l-appoġġ ipprovdut lill-azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom taħt l-azzjonijiet tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 178
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-issodisfar tad-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu għandu jiġi mmonitorjat minn kull Stat Membru mill-kumitat ta' monitoraġġ rispettiv tiegħu kif stabbiliti fl-Artikolu 54 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028–2034.

Or. en

Emenda 179

Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għal miżuri li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni ***tipproponi deċiżjoni ta' implimentazzjoni*** tal-Kunsill li tapprova l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha ***tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni*** ta' dawk il-miżuri.	4. Għal miżuri ***u azzjonijiet*** li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri ***u l-azzjonijiet*** jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni ***tadotta att delegat*** tal-Kunsill li tapprova l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha ***tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 9a biex jissupplimenta dan ir-Regolament bl-approvazzjoni*** ta' dawk il-miżuri ***u l-azzjonijiet***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda istituzzjonali orizzontali.

Emenda 180
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għal miżuri li huma relatati mal-	4. Għal miżuri ***elenkati fl-Artikolu 3a***

objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni tipproponi ***deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill*** li tapprova l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha ***tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta'*** dawk il-miżuri.

li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni tipproponi ***att delegat*** li tapprova l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha ***tadotta att delegat li japprova*** dawk il-miżuri.

Or. en

Emenda 181
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Meta tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-miżuri*** relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament***, il-proposta tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi*** l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	5. ***L-att delegat li japprova l-miżuri elenkati fl-Artikolu 3a*** relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament ***għandu jistabbilixxi*** l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 182
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Meta tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar*** il-miżuri relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-proposta tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	5. ***L-att delegat li japprova l-miżuri u l-azzjonijiet*** relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament ***għandu jistabbilixxi*** l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda istituzzjonali orizzontali.

Emenda 183
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u flimkien mad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 23, il-paragrafu (1) [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill] tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni	***imħassar***

ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

Or. en

Emenda 184
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija*** fil-paragrafu 4, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u flimkien ***mad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija*** fl-Artikolu 23, il-paragrafu (1) [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill] tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.	6. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi*** fil-paragrafu 4, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u flimkien ***mal-att delegat imsemmi*** fl-Artikolu 23, il-paragrafu (1) [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill] tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda istituzzjonali orizzontali.

Emenda 185
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-	7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-

koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li ***l-proposta tal-Kummissjoni u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill*** li ***japprovaw*** l-emendi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 23(4) ***ikopru*** biss l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li ***l-att delegat*** li ***japprova*** l-emendi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 23(4) ***ikopri*** biss l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 186
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li ***l-proposta tal-Kummissjoni u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill*** li ***japprovaw*** l-emendi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 23(4) ***ikopru*** biss l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.	7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li ***l-att delegat*** li ***japprova*** l-emendi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 23(4) ***ta' dak ir-Regolament ikopri*** biss l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda istituzzjonali orizzontali.

Emenda 187
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. B'deroga mil-limiti orizzontali ta' appoġġ operazzjonali, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikopru bis-sħiħ il-kostijiet operazzjonali u ta' manutenzjoni rikorrenti, l-aġġornamenti tekniċi, u l-kalibrazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir operazzjonali li jkun għadu kif ġie varat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Frontline states are investing in high-tech solutions such as automated maritime sensor feeds, counter-drone (C-UAV) installations, and secure cryptographic communication lines. However, under standard EU funding rules, while initial hardware procurement is highly subsidized, the subsequent annual maintenance and calibration costs are left entirely to national budgets. This amendment guarantees that the recurring maintenance and technical updates of newly deployed, state-of-the-art equipment are fully eligible for EU reimbursement. Securing the EU's external perimeter cannot be a one-off capital investment; it requires continuous technical readiness, and this amendment ensures that the Union's financial instruments support the operational life of these vital defense systems.

Emenda 188
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Ambitu tal-appoġġ
	1. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata għall-azzjonijiet elenkati fl-Anness, li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a biex temenda l-lista tal-azzjonijiet eleġibbli għall-appoġġ fl-Anness.
	2. Sabiex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, l-appoġġ tal-

Unjoni jista', f'każijiet eċċezzjonali, fi ħdan limiti definiti u soġġett għal salvagwardji xierqa, jiġi pprovdut għal miżuri jew azzjonijiet f'pajjiżi terzi. Tali miżuri jew azzjonijiet għandhom ikunu kompletament koerenti ma' miżuri appoġġati mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, u mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

3. Fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, l-ammont totali ta' finanzjament mill-Faċilità tal-UE pprovdut biex jappoġġa miżuri jew azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom ma għandux jaqbeż il-5 % tal-ammont totali allokat biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

4. L-ammont totali ta' finanzjament għall-appoġġ ta' miżuri jew azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom taħt il-programmi ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu XX tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, is-sħubijiet ma għandhomx jaqbżu, għal kull Stat Membru, 5 % tal-ammont totali allokat minn dak l-Istat Membru għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa trasparenza akbar dwar fejn se jiġi allokat il-finanzjament. Bħala strument ta' politika interna, il-finanzjament ipprovdut taħt dan l-istrument ma għandux jiffinanzja darbtejn azzjonijiet ta' politika esterna.

Emenda 189
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b
	Prinċipju ta' Sħubija
	Għall-finijiet tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, is-sħubijiet għandhom jinkludu awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet jew assoċjazzjonijiet pubbliċi oħra li jirrappreżentaw tali awtoritajiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal organizzazzjonijiet tar-refuġjati u organizzazzjonijiet immexxija mill-migranti, kif ukoll istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u korpi għall-ugwaljanza, u, fejn ikun xieraq, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab ekonomiċi u soċjali.
	Meta jippreżentaw il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament, għall-finijiet tal-appoġġ tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu dettalji dwar il-kompożizzjoni tas-sħubijiet tagħhom kif ukoll deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' sħubija. Dawk id-dettalji għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku fuq talba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju tas-sħubija kif japplika għall-istrument ta' Schengen, tal-Fruntieri u tal-Viża jrid jinkludi l-ispettru sħiħ tal-partijiet ikkonċernati. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu jistgħu jevitaw sħubijiet mas-soċjetà ċivili dwar finanzjament li jiffinanzja azzjonijiet li jaffettwaw direttament id-drittijiet tan-nies.

Emenda 190
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi tagħhom, għandhom isiru arranġamenti sabiex jispeċifikaw in-natura u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni fl-appoġġ tal-Unjoni mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen. Kemm jista' jkun malajr wara li l-pajjiż ikkonċernat ikun innotifika d-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta l-kontenut tal-appoġġ tal-Unjoni u li jimplimentah fl-ordni legali intern tiegħu, f'konformità mal-ftehim ta' assoċjazzjoni rilevanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjoni lill-Kunsill għall-ftuħ ta' negozjati dwar dawk l-arranġamenti taħt l-Artikolu 218(3) ***TFUE***. Malli jirċievi r-rakkomandazzjoni, il-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr dewmien biex jiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ ta' dawk in-negozjati. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawk il-pajjiżi għandhom jiżdiedu mar-riżorsi globali disponibbli mill-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 4.	F'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi tagħhom, għandhom isiru arranġamenti sabiex jispeċifikaw in-natura u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni fl-appoġġ tal-Unjoni mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen. Kemm jista' jkun malajr wara li l-pajjiż ikkonċernat ikun innotifika d-deċiżjoni tiegħu li jaċċetta l-kontenut tal-appoġġ tal-Unjoni u li jimplimentah fl-ordni legali intern tiegħu, f'konformità mal-ftehim ta' assoċjazzjoni rilevanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rakkomandazzjoni lill-Kunsill għall-ftuħ ta' negozjati dwar dawk l-arranġamenti taħt l-Artikolu 218(3) ***tat-TFUE***. Malli jirċievi r-rakkomandazzjoni, il-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr dewmien biex jiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ ta' dawk in-negozjati. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawk il-pajjiżi għandhom jiżdiedu mar-riżorsi globali disponibbli mill-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 4. ***Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi assoċjati għandha tkun konformi mal-impenji tagħhom fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u tqis kif xieraq il-kontribut tagħhom għall-kompiti komuni tal-protezzjoni tal-fruntieri esterni u s-sigurtà taż-żona Schengen.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-pajjiżi assoċjati jibbenefikaw mill-funzjonament taż-żona Schengen u fl-istess ħin jipparteċipaw fil-protezzjoni tagħha. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi enfasizzata r-rabta bejn il-parteċipazzjoni finanzjarja u l-implimentazzjoni prattika tal-obbligi li jirriżultaw mill-acquis ta' Schengen. L-emenda proposta ssaħħaħ il-prinċipju ta' responsabbiltà u kontribut proporzjonat għall-kompiti ta' sigurtà komuni mingħajr ma tbiddel is-sistema eżistenti ta' assoċjazzjoni.

Emenda 191
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ammont sa EUR 450 000 000 għandu jiġi allokat lill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Litwanja skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà biex jipprovdi appoġġ għal introjtu mitluf mill-ipproċessar ta' viżi għal soġġorn qasir u kostijiet addizzjonali fl-implimentazzjoni tal-iskema tad-Dokument ta' Tranżitu Faċilitat (FTD) u d-Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u r-Regolament (KE) Nru 694/2003 emendat bir-Regolament (UE) 2023/2667 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	1. Ammont sa EUR 450 000 000 għandu jiġi allokat lill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Litwanja skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà biex jipprovdi appoġġ għal introjtu mitluf mill-ipproċessar ta' viżi għal soġġorn qasir u kostijiet addizzjonali fl-implimentazzjoni tal-iskema tad-Dokument ta' Tranżitu Faċilitat (FTD) u d-Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u r-Regolament (KE) Nru 694/2003 emendat bir-Regolament (UE) 2023/2667 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***, bil-finanzjament ta' kostijiet addizzjonali bbażat fuq nefqa mġarrba b'mod ċar u fuq il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta ma tibdilx l-appoġġ għal-Litwanja nnifsu jew ir-reġim ta' tranżitu speċjali. Madankollu, din tiżgura li l-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jkun marbut mal-kostijiet effettivament imġarrba u pprovati. Approċċ bħal dan isaħħaħ it-trasparenza u r-responsabbiltà għall-fondi pubbliċi u huwa konformi mal-prinċipji tal-UE ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Emenda 192
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-appoġġ mill-Unjoni għall-introjtu mitluf għandu jkun ibbażat fuq il-ħruġ ta' FTDs u FRTDs. Il-limitu massimu għall-appoġġ għandu jkun stabbilit għal EUR 100 000 000.	2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-appoġġ mill-Unjoni għall-introjtu mitluf għandu jkun ibbażat fuq il-ħruġ ta' FTDs u FRTDs. Il-limitu massimu għall-appoġġ għandu jkun stabbilit għal EUR 100 000 000. ***L-ammont ta' appoġġ huwa bbażat fuq introjtu mitluf imġarrab b'mod ċar relatat mal-implimentazzjoni tar-reġim tal-FTD u l-FRTD.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ biex jikkumpensa għall-introjtu mitluf għandu jkun ibbażat fuq data ppruvata b'mod oġġettiv u l-impatt finanzjarju reali tar-reġim ta' tranżitu speċjali. L-emenda proposta ssaħħaħ it-trasparenza u tiżgura li l-fondi tal-Unjoni jikkorrispondu għat-telf effettivament imġarrab u ma jaqbżuhx.

Emenda 193
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
il-kontribuzzjoni massima tal-baġit tal-Unjoni għandha tkun ta' 100 % tal-kostijiet totali stmati. il-limitu massimu għal dan l-appoġġ għandu jkun stabbilit għal EUR 350 000 000.	il-kontribuzzjoni massima tal-baġit tal-Unjoni għandha tkun ta' 100 % tal-kostijiet totali stmati. il-limitu massimu għal dan l-appoġġ għandu jkun stabbilit għal EUR 350 000 000. ***Il-finanzjament għandu jiġi pprovdut esklużivament għal kostijiet li jista' jintwera b'mod ċar li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura speċjali ta' tranżitu u li jikkonformaw mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.***

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Peress li din hija skema eċċezzjonali ffinanzjata kompletament mill-baġit tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi enfasizzat b'mod espliċitu r-rekwiżit għad-dimostrabbiltà u l-ħtieġa tan-nefqa ffinanzjata. L-emenda proposta ssaħħaħ it-trasparenza u l-użu responsabbli tal-fondi pubbliċi mingħajr ma tibdel il-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ innifsu.

Emenda 194
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kostijiet operazzjonali addizzjonali, inklużi l-kostijiet tal-persunal għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' Tranżitu Speċjali.	(c) kostijiet operazzjonali addizzjonali, inklużi l-kostijiet tal-persunal għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' Tranżitu Speċjali***, jekk ikunu marbuta direttament u b'mod ċar mal-implimentazzjoni tagħha***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

B'mod partikolari, għall-kostijiet operazzjonali u tal-persunal, huwa xieraq li jiġi stabbilit b'mod ċar ir-rekwiżit ta' rabta diretta mal-proċedura speċjali ta' tranżitu. Tali kjarifika tnaqqas ir-riskju ta' interpretazzjoni estensiva tan-nefqa eliġibbli u tikkontribwixxi għal kontroll aħjar tal-użu tal-fondi.

Emenda 195
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni u l-Litwanja għandhom jirrieżaminaw l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu f'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti li jkollhom impatt fuq l-eżistenza jew il-funzjonament tal-Iskema ta' Tranżitu Speċjali.	4. Il-Kummissjoni u l-Litwanja għandhom jirrieżaminaw l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu f'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti li jkollhom impatt fuq l-eżistenza jew il-funzjonament tal-Iskema ta' Tranżitu Speċjali***, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, l-***

adegwatezza tal-appoġġ ipprovdut u l-impatt fuq is-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Is-sigurtà u l-kundizzjonijiet ġeopolitiċi fir-reġjun jistgħu jinbidlu b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Għalhekk, ir-rieżami tar-reġim għandu mhux biss jivvaluta l-implimentazzjoni amministrattiva tiegħu, iżda wkoll l-adegwatezza finanzjarja u l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tiegħu. Il-modifika proposta tippermetti rispons aħjar għal ċirkostanzi mibdula mingħajr il-ħtieġa li tinbidel l-arkitettura bażika tas-sistema.

Emenda 196
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara talba motivata mil-Litwanja, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 jista' jiġi rieżaminat u, fejn meħtieġ, aġġustat qabel l-adozzjoni tal-aħħar programm ta' ħidma skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà. Kwalunkwe ammont addizzjonali ***ser*** jiġi allokat għall-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Litwanja f'konformità mal-Artikolu 31(7) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.	Wara talba motivata mil-Litwanja, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 jista' jiġi rieżaminat u, fejn meħtieġ, aġġustat qabel l-adozzjoni tal-aħħar programm ta' ħidma skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà***, abbażi ta' kostijiet addizzjonali murija b'mod oġġettiv jew bidliet fiċ-ċirkostanzi li jaffettwaw il-funzjonament tar-reġim ta' tranżitu speċjali***. Kwalunkwe ammont addizzjonali ***se*** jiġi allokat għall-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Litwanja f'konformità mal-Artikolu 31(7) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

It-test oriġinali jippermetti aġġustament tal-allokazzjoni finanzjarja abbażi ta' talba motivata, iżda ma jistabbilixxix il-kriterji li abbażi tagħhom għandu jiġi vvalutat tali aġġustament. L-emenda proposta żżid it-trasparenza u ċ-ċertezza legali billi torbot kwalunkwe żieda fl-appoġġ ma' kostijiet dimostrabbli jew bidliet oġġettivi fiċ-ċirkostanzi. Dan jiżgura l-użu responsabbli tal-fondi tal-Unjoni.

Emenda 197
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Prinċipju tas-sħubija
	1. Għall-finijiet tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, is-sħubijiet għandhom jinkludu awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra, jew assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw tali awtoritajiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u korpi għall-ugwaljanza, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab soċjali.
	2. Meta jippreżentaw il-pjan ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament, għall-finijiet ta' dan l-appoġġ tal-Unjoni, Stat Membr għandu jagħti dettalji dwar il-kompożizzjoni tas-sħubijiet tiegħu kif ukoll id-deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' sħubija. Dawk id-dettalji għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Emenda 198
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-finanzjament tal-EU-LISA jrid jiżdied.

Or. el

Emenda 199
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Kontribuzzjonijiet finanzjarji għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà	
il-Kummissjoni għandha tikkalkula u tagħmel disponibbli għal kull Stat Membru benefiċjarju s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ttrasferiti mill-istati Membri kontribwenti f'konformità mal-Artikolu 64(1) tar-Regolament UE 2024/1351 għall-fini tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56(2)(b) tar-Regolament (UE) 2024/1351.	

Or. en

Emenda 200
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Kontribuzzjonijiet finanzjarji għar-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà	
il-Kummissjoni għandha tikkalkula u tagħmel disponibbli għal kull Stat Membru benefiċjarju s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ttrasferiti mill-istati Membri kontribwenti f'konformità mal-Artikolu 64(1) tar-Regolament UE 2024/1351 għall-fini tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56(2)(b) tar-Regolament (UE) 2024/1351.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diġà ffinanzjat taħt l-AMI. M'għandux ikun permess finanzjament doppju.

Emenda 201
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
il-Kummissjoni għandha tikkalkula u tagħmel disponibbli għal kull Stat Membru benefiċjarju s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ttrasferiti mill-istati Membri kontribwenti f'konformità mal-Artikolu 64(1) tar-Regolament UE 2024/1351 għall-fini tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56(2)(b) tar-Regolament (UE) 2024/1351.	Il-Kummissjoni għandha tikkalkula u tagħmel disponibbli għal kull Stat Membru benefiċjarju s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ttrasferiti mill-istati Membri kontribwenti f'konformità mal-Artikolu 64(1) tar-Regolament UE 2024/1351 għall-fini tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 56(2)(b) tar-Regolament (UE) 2024/1351***, u tingħata prijorità lill-Istati Membri li jiffaċċjaw pressjoni mhux proporzjonata fil-fruntieri esterni u għal azzjonijiet li jsaħħu l-protezzjoni tal-fruntieri, li jipprevjenu l-qsim illegali u li jappoġġaw miżuri relatati mar-ritorn***.

Emenda 202
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Eżerċitar tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2b) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' seba' snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2b) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
	5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu

4(2b) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 203
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Rapportar
	Minbarra l-obbligu ta' rapportar minqux fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi qafas ta' traċċar u ta' prestazzjoni tan-nefqa baġitarja u regoli orizzontali oħra għall-programmi u għall-attivitajiet tal-Unjoni, u sabiex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-appoġġ tal-Unjoni pprovdut minn dan ir-Regolament lejn l-ilħuq tal-objettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-prestazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tirrapporta dwar l-użu tal-fondi allokati għal kull objettiv speċifiku. Fir-rapport tagħha, għandha tispeċifika t-tipi ta' proġetti, programmi, azzjonijiet jew miżuri li jkunu rċevew finanzjament, l-ammonti riċevuti, u kif dawn il-proġetti, programmi, azzjonijiet jew miżuri

jikkontribwixxu għall-objettivi, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ikunu ġew identifikati sfidi, filwaqt li tiżgura l-konsistenza mal-prinċipji orizzontali previsti fl-Artikoli 7, 8 u 9 tar-Regolament (UE) li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, u fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7 tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi qafas ta' traċċar u prestazzjoni tan-nefqa baġitarja u regoli orizzontali oħra għall-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Parlament Ewropew jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet.

Or. en

Emenda 204
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Eżerċitar tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew

jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 205
Murielle Laurent, Chloé Ridel, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(4), 4a(1), 5(8) u 6(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4(4), 4a(1), 5(8) u 6(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(4), 4a(1), 5(8) u 6(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda istituzzjonali orizzontali.